MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Appell Civili Numru. 1817/2001/1

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta estera AXA Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurata taghha Michael Attard Ltd abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni u tal-ligi**

**vs**

**The Cargo Handling Company Limited u Sea Malta Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta’ April, 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ sebgha mija u hamsin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm750.79), hsarat u nuqqasijiet fil-vetturi tal-marka Peugeot appartenenti lill-assigurata taghhom u spejjez tas-survey relattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura u kustodja tal-konvenut, jew min minnhom, liema vetturi waslu Malta fuq il-bastiment Maltese Falcon fl-20 ta’ Awissu 2001, u liema danni diga’ thallsu mis-socjeta attrici.

Ra r-risposta tas-socjeta The Cargo Handling Company Limited li permezz taghha eccepiet:

1. Illi jinkombi fuq is-socjeta attrici li taghti prova li l-allegati danni u nuqqasijiet sehhew waqt li l-vetturi de quo kienu taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta eccipjenti u li l-istess vetturi gew konsenjati lilha minghajr l-istess danni u nuqqasijiet;

2. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta eccipjenti m’hijiex responsabbli ghall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi;

3. Is-socjeta eccipjenti dejjem agixxiet bhala *bonus pater familias* fil-konfront tal-merkanzija fdata lilha.

Ra r-risposta tas-socjeta Sea Malta Company Limited (fol. 14) u li permezz taghha eccepiet:

1. Id-danni reklamati ma jirrizultawx mit-*tally sheet* rilevanti;

2. Is-socjeta konvenuta ma hijiex responsabbli ghad-danni reklamati ghat-tenur tal-klawzola ta’ ezoneru kontenuta fl-istess polza ta’ karigu;

3. It-talba tas-socjeta attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Sema’ x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Il-kawza titratta dwar hsara li allegatament saret fuq vetturi tal-marka Peugeot li wasslu Malta abbord il-bastiment Maltese Falcon.

2. Irrizulta li l-merkanzija kienet giet assigurata mas-socjeta attrici, li min-naha ghamlet tajjeb ghall-hsara u hallset lis-socjeta Michael Attard Ltd. B'hekk is-socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha (ara wkoll f'dan is-sens *subrogation form* a fol. 19).

3. Gew prezentati kopja:

(a) Tal-*Joint Tally Sheet* (Dok. AMB1 a fol. 32) li skond ix-xhieda moghtija mill-avukat Dr. Aaron Mifsud Bonnici (fol. 49) saret mir-rapprezentanti tas-socjetajiet konvenuti. F'dawn ic-cirkostanzi, *"dan id-dokument kien allura certament jistabilixxi l-kondizzjoni tal-vetturi fil-mument meta dawn tnizzlu fuq il-moll"* (**Avukat Dottor Robert Staine noe vs Godwin Abela noe** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Mejju 2000). Ix-xhud Trevor Pullicino (tally clerk tal-kumpannija Sea Malta Co Ltd) ikkonferma li jsir *"joint tally"* mar-rapprezentant tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited waqt li l-merkanzija tkun qeghda tigi sbarkata minn fuq il-vapur. F'dan il-kaz partikolari x-xhud qal li mit-tally sheet li ghamel hu (fol. 39) ma jirrizultax li kien hemm xi hsara fuq il-vetturi tal-marka Peugeot. Verzjoni li m'hijiex korroborata mill-*jointy tally sheet* a fol. 32.

(b) *Gate Pass Out* (Dok. PS5 a fol. 23).

F'dawn id-dokumenti jissemmew l-istess nuqqasijiet u hsarat fuq sitt vetturi tal-marka Peugeot.

4. Il-hsara giet stmata fl-ammont ta' sebgha mija u tmintax-il lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm718.79) (Dok. PS 10 a fol. 28-29), ammont li ma giex

ikkontestat mill-konvenuti u li mill-provi li tressqu jirrizulta sodisfacentement ippruvat.

5. Jidher ghalhekk bic-cjar li meta l-vetturi in kwistjoni ghaddew fil-pussess tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited, sitta minnhom kellhom il-hsara u/jew nuqqasijiet li jissemmew fid-dokument a fol. 32 tal-process. Ghalhekk il-kumpannija ma tistax tinzamm responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet u hsarat.

6. Min-naha l-ohra l-polza ta' karigu hija *'clean bill of leading'*. Kif tajjeb inghad fil-kawza fl-ismijiet **Negoziante Alfredo Nicosia noe vs Negoziante Reginald Smith noe** deciza fil-11 ta' Jannar 1921 (Vol. XXIV.iii.829): *"il rilascio di una polizza di carico nella quale la merce viene descritta come apparantemente in buona condizione, mentre tale non e', rende il vapore responsabile della perdita' di fronte al ricevitore"*. Id-dikjarazzjoni li nsibu fil-polza ta' karigu hija prima facie l-prova li l-mekanzija msemmija fil-polza giet karikata f'kondizzjoni tajba u timponi l-obbligu li l-merkanzija tigi skarikata fl-istess kondizzjoni tajba. Jekk ma tingieb l-ebda prova biex titwaqqa' din il-prezunzjoni (u din il-prova trid tingieb minn dik il-parti li trid twaqqaghha), allura t-Tribunal ghandu jikkonkludi li l-merkanzija deskritta fil-polza giet karikata f'kondizzjoni tajba u ghandha tigi hekk ukoll skarikata. Ma tressqet l-ebda prova li s-socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited ezonerat ruhha mir-responsabbilta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi:

1. Jikkundanna lis-socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sebgha mija u tmintax-il lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm718.79) kif fuq spjegat.

2. Jilqa' l-ewwel eccezzjoni li giet sollevata mis-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited peress li ma giex ippruvat li d-danni gew sofferti waqt li l-vetturi kienu fil-kustodja ta' din il-kumpannija.

L-ispejjez huma kollha ghak-karigu tas-socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited."

Is-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited appellat minn din id-decizjoni bl-aggravju li jista' jigi kapsulizzat bhala wiehed koncernanti l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal adit. Hi ssostni li din id-decizjoni kienet zbaljata u t-Tribunal ma setghax sempliciment jikkonkludi li "ma tressqet l-ebda prova li s-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited ezonerat ruhha mir-responsabilita`".

Kontra dan l-aggravju s-socjeta` attrici appellata ssollevat il-pregudizzjali illi l-appell interpost ma kienx jaqa' fil-parametri ta' xi wahda mill-kazijiet prospettati fis-subinciz 2(d) ta' l-Artikolu 8 tal-Kap 380.

Skond dan il-provvediment ta' l-Att V ta' l-1995 appell minn decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar jsir biss "meta t-Tribunal ikun b'<u>mod gravi</u> mar kontra d-dettami ta' l-<u>imparzjalita`</u> u ta' l-<u>ekwita`</u> skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella".

Il-Qorti jehtiegilha ghalhekk tezamina jekk fir-rikors tal-appell, fil-kuntest tas-subinciz (d) ghall-artikolu precitat, kienx hemm xi allegazzjoni li t-Tribunal kien b'xi mod gravi mar kontra l-precetti ta' l-imparzjalita` u ta' l-ekwita`.

Ezami anke superficjali ghandu jibbasta biex jigi dedott illi s-socjeta` appellanti ma hi qed tallega l-ebda nuqqas ta' din ix-xorta da parte tat-Tribunal. L-appell taghha hu kollu kemm hu msejjes fuq kritika tal-evalwazzjoni li t-Tribunal ghamel tal-provi. Kritika, li fil-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti, lanqas tirrizulta li hi gustifikata.

Kif sewwa irrileva t-Tribunal, anke fid-dawl tal-eccezjonijiet moghtija, is-socjeta` appellanti Sea Malta, qua vettural, kienet tenuta tipprova illi l-merkanzija tnizzlet minn abbord il-vapur fl-istess kundizzjoni tajba li fih tghabbiet. Dan in vista tal-'clean bill of lading' (fol 20). Dokument dan li kien jimponi fuq is-socjeta` appellanti l-oneru li tissostanzja l-

presunzjoni ‘prima facie’ li tohloq l-istess polza ta’ kariku. (“**Wilfred Mamo et noe –vs- Paul Mifsud et noe**”, Appell Kummerc, 5 ta’ Gunju 1987; “**Avukat Giovanni Griscti noe –vs- Chev. S. Mifsud et noe**”, Appell, 7 ta’ Ottubru 1997)

Kif akkolt ukoll f’gurisprudenza pacifika “*la polizza in quei termini (“clean bill of lading”) sebbene stabilisce prima facie una prova, benche` non concludente, che le merci siano stati caricati in buona condizione, tuttavia quei termini non sono operative contro tutte le altre condizioni apposte nella medesima polizza ed avente lo scopo di esentare dalla responsabilita` i proprietari per cio` che accadrebbe lungo il viaggio*” – “**Negte L. Mifsud –vs- Negte. Remigio Pace noe**”, Appell, 8 ta’ Jannar 1884.

Fil-kaz in ezami irrizulta li meta l-vetturi gew skarikati f’Malta wara l-vjagg taghhom bil-bahar instab li uhud minnhom kellhom nuqqasijiet jew hsarat. Naturalment, kif kien mistenni, s-socjeta` appellanti tikkampa d-difiza taghha fuq it-‘tally sheet’ (fol 39) redatt mit-‘tally clerk’ inkarigat minnha u li ma kien jikkontjeni l-ebda rimarki avversi dwar l-istat u kondizzjoni tal-vetturi fil-mument tal-izbark taghhom.

Din it-‘tally sheet’ ghalkemm ‘joint’ ma kienetx tammonta ghal xi prova irribattibbli u in effetti bhala forza probatorja giet newtralizzata b’‘tally sheet’, ukoll ‘joint’, esebita mis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited. Li jfisser li xi hadd fost it-‘tally clerks’ ma ghamilx ezercizzju korrett ta’ verifika. Meta s-socjeta` appellanti iccertifikat hi wkoll dan il-‘joint tally sheet’ (fol 32) kien mistenni li ta’ l-anqas tikkonfutah u mhux issa tistrieh fuq l-argoment, alkwantu simplistiku, illi d-dokument taghha, ghax mahluf minn min irredigieh, ghandu, ghal daqshekk biss jitqies aktar attendibbli.

Dak rimarkat fuq il-‘joint tally sheet’ jattalja ma’ dak rizultanti bhala danni, skond il-‘Gate Pass Out’ (fol 23) fil-mument tar-rilaxx tal-vetturi lill-importatur. Ghalhekk anke ghal din ir-raguni dak li gie kostatat u deciz mit-Tribunal,

wara raffront bejn id-dokumenti portwali esebiti, ma jistax jitqies censurabbli.

Strettament din il-Qorti ma kellhiex ghalfejn tikkummenta ‘in extenso’ fuq il-provi in atti u l-principji regolatrici li jghoddu ghalihom. Ghamlitu biss biex turi illi anke hawn, indipendentemnet mill-aspett guridiku partikolari, l-lanjanza tas-socjeta’ appellanti ma kienetx gustifikata.

Jibqa’ l-fatt illi jekk fil-parti razzjonali tad-decizjoni mpunjata t-Tribunal ghazel li ma jaccettax bhala attendibbli t-‘tally sheet’ tal-vapur dan ma jekwivalix, lanqas remotament, ghal xi deliberazzjoni kontra d-dettami ta’ l-ekwita`, u illi skond l-Att imsemmi, fl-Artikolu 7 tieghu, huwa s-sostrat li fuqu jigu decizi t-talbiet u l-kontro-talbiet mit-Tribunal.

Tali konsiderazzjoni twassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni illi ma huwiex konsentit li tikkonsidra u tiddeciedi appell li jkun bazat fuq aggravji li ma jinkwadrawx ruhhom fis-subinciz 2 ta’ l-Artikolu 8 ta’ l-Att surreferit, kif hekk jidher li hu l-kaz in disamina.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tqis l-appell bhala wiehed inattendibbli billi jirrigwarda meritu li minnu ma jistax isir appell fit-termini ta’ l-Att V ta’ l-1995 (Kap 380) u konsegwentement tichdu bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------